# Lectio Divina

## It-8 Ħadd ta' Matul is-Sena
## Sena Ċ

### Lq 6:39-45

**F'dak iż-żmien, Ġesù qal lid-dixxipli din il-parabbola:**

Id-dixxiplu awtentiku huwa dak li jagħżel it-triq tal-«henjin» (cfr *Lq* 6:20-26), li jgħix ta' iben Alla l-Għoli u ħanin «li hu tajjeb mal-ingrati u mal-ħżiena» billi jimxi t-triq tal-imħabba u tal-gratwità (cfr *Lq* 6:27-38). F'din is-silta Ġesù jkompli jkellem lid-dixxipli tiegħu dwar l-atteġġjamenti li għandu jkollhom sabiex tassew ikunu jistgħu jissejħu Tiegħu. It-tisħib mal-Iben jitlob li wieħed jgħix il-ħajja tal-Iben fir-relazzjonijiet konkreti li għandu. Is-sejħa biex timxi wara Kristu tfisser stedina biex tgħaddi mil-liġi tal-ilsiera għal «liġi ta' ħelsien» li hija dik tal-imħabba u l-ħniena, «għax il-ħaqq ikun bla ħniena għal min ma jurix ħniena; u l-ħniena tirbaħ fuq il-ħaqq» (*Ġak* 2:12-13).

**«Jista' agħma jmexxi agħma ieħor? Mhux it-tnejn jaqgħu fil-ħofra?**

Filwaqt li f'*Mt* Ġesù juża' din it-tixbiha għall-Fariżej (cfr 15:14), hawn jużaha għas-semmiegħa kollha tiegħu. Kif il-Fariżej kienu «mexxejja għomja» (*Mt* 23:16) għax kienu mingħalihom jafu lil Alla imma fil-verità kienu jinqdew bil-Liġi tiegħu għall-iskopijiet tagħhom, hekk id-dixxiplu tas-Saltna li jiġġudika, jikkundanna, ma jaħfirx lil ħuh u jkun mingħalih "mexxej" tal-aħwa jkun agħma. Kif l-agħma huwa dak li ma jafx minn fejn ġej u fejn hu sejjer, hekk id-dixxiplu li għandu lil Mulej fuq fommu imma mhux f'qalbu (cfr *Mt* 15:8; *Lq* 6:46-49) jispiċċa miexi fil-vojt. It-tentazzjoni tal-preżunzjoni tmiss b'mod partikulari lil dawk li għandhom il-ħidma li janimaw lill-komunità imma minflok jaqduha, jaħkmuha għax jaħsbu li m'għandhomx ħtieġa tad-dawl tal-Mulej: «Min jgħallem ħaġa oħra, min ma joqgħodx għall-kliem utieq ta' Sidna Ġesù Kristu u għat-tagħlim skont it-tjieba, dan ikun supperv u ma

jkun jaf xejn, marid bil-marda tat-tilwim u kliem li ma jġibx ħlief għira u ġlied, tkasbir u suspetti ħżiena; u tilwim bejn nies ta' moħħhom maqlub u nieqsa mill-verità; u mingħalihom it-tjieba qiegħda għal qligħ il-flus» (*1Tim* 6:3-5). Qabel imexxi lill-oħrajn, id-dixxiplu jeħtieġ iħalli lil Mulej imexxih. Dak li Pawlu jgħid għal Lhudi moħħu mistrieħ bil-Liġi, japplika wkoll għal min iqis ruħu dixxiplu ta' Kristu u mexxej tal-komunità: «[...] int li tgħallem lil ħaddieħor, ma tgħallimx lilek innifsek? Int tipprietka: La tisraqx, u tisraq? Tgħid: La tiżnix, u tiżni? Int tistkerrah lill-idoli, u tisraq it-tempji tagħhom? Int tiftaħar bil-Liġi, u żżebblaħ lil Alla bil-ksur tal-Liġi? Kif inhu miktub: "L-isem ta' Alla hu mżeblaħ fost il-ġnus minħabba fikom."» (*Rum* 2:21-24)

**Id-dixxiplu mhuwiex aqwa mill-Imgħallem tiegħu; imma kull min itemm it-taħriġ tiegħu jsir bħall-imgħallem tiegħu.**

L-esperjenza tat-«taħriġ» li jrid jagħmel id-dixxiplu mhijiex dik li jirċievi kunċetti mentali imma li *joqgħod* mal-Imgħallem tiegħu, jitgħallem minnu u jitgħallem lilu hekk li jgħaddi minn esperjenza ta' konverżjoni: «Imma intom mhux hekk tgħallimtu 'l Kristu – jekk intom smajtuh u tgħallimtuh skont il-verità li hi f'Ġesù – jiġifieri, li għandkom twarrbu l-ħajja tagħkom ta' qabel u tinżgħu l-bniedem il-qadim, mħassar bix-xewqat tal-pjaċiri qarrieqa, u li għandkom tiġġeddu b'tibdila spiritwali tal-fehma tagħkom u tilbsu l-bniedem il-ġdid, maħluq skont Alla, fil-ġustizzja u l-qdusija tassew» (*Efes* 4:20-24). Id-dixxiplu jqis lil Ġesù bħala Mgħallem tiegħu meta jimitah fl-imħabba għall-oħrajn: «Mela jekk jien, li jien il-Mulej u l-Imgħallem, ħsiltilkom saqajkom, hekk intom għandkom taħslu saqajn xulxin. Għax jien tajtkom eżempju, biex kif għamilt jien magħkom, hekk tagħmlu intom ukoll» (*Ġw* 13:14-15). Ikun bħall-Imgħallem tiegħu meta jissieħeb miegħU fl-esperjenza tat-tiġrib (cfr *Lq* 22:28), tal-persekuzzjoni (cfr *Mt* 10:24-25) u saħansitra tal-mewt (cfr *Atti* 7:59-60), jiġifieri meta l-ħajja tiegħu ssir dik tal-Imgħallem: «Għax għalija l-ħajja hi Kristu, u l-mewt hi rebħ» (*Fil* 1:21; cfr *Gal* 2:20).

**Għax tara t-tibna f'għajn ħuk, u ma tarax it-travu li għandek f'għajnejk int? Kif tista' tgħid lil ħuk: "Hi, ejja nneħħilek it-tibna li għandek f'għajnek", meta m'intix tara t-travu li għandek f'għajnek int? Ja wiċċ b'ieħor! Neħħi l-ewwel it-travu minn għajnek int, ħalli mbagħad tara sewwa kif tneħħi t-tibna minn għajn ħuk.**

F'sens letterali min ikollu travu f'għajnu jkun mejjet – hekk min hu ħafif biex jara fid-dettal in-nuqqas f'ħaddieħor bla ma jara l-bżonn li jħares lejn il-ħtieġa tal-konverżjoni tiegħu hu spiritwalment mejjet għax magħluq għall-grazzja ta' Alla u maqtugħ minn ħutu li jħossu superjuri għalihom. Hija l-mewt ta' min għadu ma laqax ir-rivelazzjoni tal-Missier fl-Iben u għalhekk fil-verità għadu ma stqarrx il-fidi tiegħu f'Ġesù: «Mela morru tgħallmu x'jiġifieri, 'Ħniena rrid, u mhux sagrifiċċju'; għax mhux lill-ġusti ġejt insejjaħ, iżda lill-midinbin» (*Mt* 9:13). Huwa biss jekk wieħed jaħdem fuqu nnifsu, fuq «it-travu» li għandu, li jista' mbagħad iħaddem l-opra tal-ħniena spiritwali li jwiddeb lill-midinbin permezz tal-korrezzjoni fraterna (cfr *Lq* 17:3-4): l-ewwel jeħtieġ li nitlob lil Mulej inaddafni mid-dnub tiegħi li hu dejjem quddiemi u joħloq fija qalb safja sabiex imbagħad inkun nista' ngħallem triqatU lill-midinbin u jerġgħu lura għandu (cfr *S* 51:1-15). *"Self-accusation is the beginning of wisdom and bound to the holy fear of God: learning how to accuse ourselves, as individuals, as institutions, as a society. For we must not fall into the trap of blaming others, which is a step towards the "alibi" that separates us from reality."* (FRANCIS, Homily, 24 Feb 2019).

**Ma hemmx siġra tajba li tagħmel frott ħażin, kif anqas ma hemm siġra ħażina li tagħmel frott tajjeb. Kull siġra mill-frott tagħha tingħaraf. Ħadd ma jiġbor it-tin mix-xewk, anqas l-għeneb mill-għolliq.**

L-inkwiet tad-dixxiplu m'għandux ikun il-frott imma x'tip ta' siġra hu li minnha jiddependi l-frott – il-ħarsa mhix lejn l-estern imma lejn l-interjorità. L-estern, «il-frott», jikxef dak li hemm fl-intern. Fl-Iskrittura r-relazzjoni tal-bniedem ma' Alla hija mqabbla ma' siġra: il-bniedem li jafda f'Alla hu bħala siġra dejjem tħaddar, qrib l-ilma, li tagħmel il-frott (cfr *S* 1:1-3) filwaqt li l-bniedem imbiegħed minn Alla hu bħal siġra li ma tagħmel ebda ġid (cfr *Ġer* 17:5-8; *Is* 5:2; *Ġak* 3:12) u għaldaqstant għandha tinqered: «Kull siġra li ma tagħmilx frott tajjeb titqaċċat u tinxteħet fin-nar» (*Mt* 7:19). Dixxiplu li jaqa' fil-qerq, li għalkemm iqis lilu nnifsu wieħed mill-komunità jgħix fil-ħażen tiegħu, huwa ta' ħsara għal ħutu: «Dawn in-nies huma tbajja' għalikom fil-laqgħat tagħkom għall-ikla tal-imħabba, jixxalaw flimkien, bla mistħija, ifittxu lilhom infushom, sħab bla xita misjuqa mir-riħ; siġar bla frott fi tmiem il-ħarifa, mejta għal darbtejn, mqaċċta mill-għeruq; mwieġ qliel tal-baħar jitqallbu fir-ragħwa tal-għajb tagħhom; kwiekeb ġerrejja li għalihom hemm merfugħ is-swied tad-dlamijiet ta' dejjem» (*Ġud* 12-13). Il-frott ħażin huwa ta' min jirreżisti għall-ħelsien tal-grazzja ta' Kristu

u għalhekk għadu jwettaq «l-għemejjel tal-ġisem»: «żina, faħx, nuqqas ta' rażan, idolatrija, seħer, mibegħda, ġlied, għira, korla, ambizzjoni, firda, partiti, invidja, sokor, tbahrid, u ħwejjeġ bħal dawn» (*Gal* 5:19-21); filwaqt li «s-siġra tajba» hija dik imlaqqma fis-siġra tal-Ħajja tas-Salib ta' Kristu (cfr *Rum* 11:24), u li għaldaqstant tagħmel «il-frott tal-Ispirtu»: «l-imħabba, l-hena, is-sliem, is-sabar, il-ħniena, it-tjieba, il-fidi, il-ħlewwa, ir-rażan» (*Gal* 5:22-23).

**Il-bniedem tajjeb mit-teżor tajjeb ta' qalbu joħroġ it-tajjeb, u l-bniedem ħażin mit-teżor ħażin tiegħu joħroġ il-ħażin, għax mill-abbundanza tal-qalb jitkellem il-fomm.**

Il-ħarsa tad-dixxiplu għandha tkun lejn qalbu fejn hemm dak li jgħożż, «it-teżor» (cfr *Mt* 6:21). Fl-Iskrittura, ix-xufftejn u l-fomm huma marbuta mal-qalb f'rabta mal-Kelma ta' Alla (cfr *Dt* 30:14; *S* 119:131). Meta l-fomm jitbiegħed mill-qalb allura jsir fomm imniġġes (cfr *Is* 29:13). L-ewwel frott tal-qalb hija proprju *l-kelma* li tikxef dak li hemm fil-qalb: hux il-qerq jew il-verità, hux il-ħażen jew it-tajjeb, hux l-idoli jew Alla (cfr *Ġak* 3-4). Id-dixxiplu veru ma tantx ifittex li jitħarreġ fl-arti tal-kliem imma pjuttost fl-arti tas-smigħ interjuri, tal-qalb, minn fejn joħroġ kliemu u l-frott tiegħu: "Erġa' idħol fik innifsek, o bniedem, u stħarreġ is-sigrieti ta' qalbek" (GIRGOR IL-KBIR, *Moralia*, 19,18). It-talba tad-dixxiplu għandha tkun: Mulej Ġesù, agħmel li nagħraf lili nnifsi u nagħraf lilek, u ma nkun nixtieq xejn ħlief lilek! (*"Domine Iesu, noverim me, noverim te, nec aliquid cupiam nisi te."* SANTU WISTIN).

**Għar-riflessjoni**

Abba Poimen qal: "Hemm bniedem li jidher ta' fommu sieket, u qalbu tiġġudika lill-oħrajn; dan dejjem iparla. U hemm ieħor li jparla minn filgħodu sa filgħaxija, u jħares is-silenzju, jiġifieri ma jgħid xejn li mhuwiex utli".

Detti dei padri, *Serie alfabetica,* Poimen 27.